MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2566/2002

**Allied Newspapers Limited**

**Vs**

**TMT Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm162.62c (mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti l-hlas dovut fuq il-prezz ta' diversi reklami ppublikati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Ghalkemm debitament interpellata thallas l-ammont dovut is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Gunju, 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------